KUNSILL LOKALI KALKARA
KALKARA LOCAL COUNCIL

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Kalkara

7 LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 13

It -Tlieta 24 ta' Ottubru2017

Il-Kunsilli Lokali Kalkara ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 1 Binja tas-Salvatur, Triq Luigi Pisani, il-Kalkara fl-4 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Speranza Chircop – Sindku
Christopher Bruno – Viċi Sindku
Maria Sultana - Kunsilliera
Paul Bongailas - Kunsillier
Vince Bongailas - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

***Ma Kienx hemm***

**ASSENTI**

***Ma Kienx hemm***

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Elaine Caruana – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Speranza Chircop ippresjediet il-laqgħa.

13.1 **Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

Ma kienx hemm

13.2 **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

13.2.1 Il-Minuti ġew riveduti mill-Kunsilliera qabel il-laqgħa u kulħadd qabel li ma kien hemm l-ebda diffikultajiet jew punti oħra li kellhom jiġu mqajjma dwar is-Seduta li saret f 'Settembru 2017.

Il-Minuti ġew moqrija w approvati fuq proposta tas-Sindku s-Sinjura Speranza Chircop u sekondati mill-Kunsilliera Maria Sultana

13.3 **Komunikazzjoni mis-Sindku fuq punti imqajjmin mis-Seduta preċedenti (12)**

12.3.10 Is-Sinjura Speranza Chircop infurmat il-Kunsill dwar suġġeriment imqajjem mis-Sur Chris Bruno fir-rigward il-problema ta' l-awditjar li l-Kunsill Lokali Kalkara għadu qiegħed jipprova jgħalaq għas-sena 2016. Is-Seg.Eżek spjegat illi l-eżerċizzju suġġerit mis-Sur Chris Bruno li kien sar matul ix-Xahar ta' Settembru ser jitħalla ftit qabel jiġi mtella' f'Seduta formali għaliex l-accountants tal-Kunsill flimkien mas-Sur Pullicino kienu qegħdin jirrevedu dak li hemm ħażin biex b'hekk forsi jintlaħaq ftehim ma l-awdituri stess biex jingħalqu l-finanzi tas-sena 2016.

12.4.2 A Is-Seg.Eżek uriet lill-Kunsill spjeċjalmet lis-Sinjura Maria Sultana minħabba illi dan il-punt kien imqajjem minnha speċifikament illi din il-kwistjoni kienet ilha titqajjem mis-sena 2016 għalhekk hija ma setatx tifhem kif is-Sinjura Maria Sultana baqet tisħaq li hi ma tiftakarx li l-Kunsill kien diġa iddiskuta din il-materja.

Is-Sinjura Maria Sultana apoloġizzat minħabba dan in-nuqqas ta ftehim u saħqet illi hemm bżonn li wieħed jgħin lill dawn in-nies meta jiġu sempliċiment biex jieklu jew jinħaslu fid-dar tagħhom.

Il-Kunsill qabel illi fil-ħinijiet ta' matul il-lejl dawn ix-xufiera għandhom jipparkjaw in-naħa ta' Triq Santu Rokku minħabba li f'dawn il-ħinijiet hemmhekk ikun vakanti u ma jtellfu lil ħadd. Is-Sinjura Maria Sultana ser tkun qed tiċċekja jekk dawn l-istess nies li lmentaw magħha fuq din il-kwistjoni sabiex jaraw hemmx soluzzjoni oħra qabel ma tissuġerixxi Triq Santu Rokku biex b'hekk il-Kunsill ikun jista jinforma lil TM b'din id-deċiżjoni la darba tiġi iċċarata w ikkonfermata.

12.4.3 A Is-Seg. Eżek spjegat il-Kunsill speċjalment lis-Sur Pawlu Bongailas minħabba illi dan il-punt kien ġie mqajjem minnu stess illi l-kuntrattur saħaq illi jekk l-iskips jitmexxew wara l-'bollard' ser ikollu problema biex ibattal minħabba illi l-aċċess f'dawn l-inħawi huwa magħluq bil-'bollard' li kemm il-darba tiġi vandalizzata u ċ-ċwievet ma jaqblux.

Il-Kunsill saħaq illi dik il-'bollard' hija waħda essenzjali f'dawk l-inħawi min naħa li kienu qegħdin isiru atti vandali u xi nies jidħlu bil-karozzi fejn m'għandhomx aċċess.

Is-Sur Pawlu Bongailas issuġerixxa illi l-iskip tar-riċiklaġġ tal-ħwejjeg titmexxa għal wara l-imsemmija 'bollard' u fl-istess ħin il-kumplament tal-iskips jitmexxew aktar il-fuq fi Triq Marina kif isir fil-jiem tal-festa bħala prova għaliex jibqa il-fatt illi fejn qegħdin fil-preżent mhumiex qegħdin sewwa minħabba il-ħmieġ li qed ikun hemm fejn post pubbliku speċjalment għal fatt li huwa bandli tat-tfal.

Il-Kunsill huwa konxju li dawn l-iskips ser ikunu qed jieħdu parkeġġi bil-konsegwenza li jaf ikun hemm xi lmenti minn residenti li joqgħodu fl-inħawi.

12.3.2 Is-Seg.Eżek spjegat illi l-avukat ikkonferma dawk il-ħwienet li għandhom jiġbru l-iskart għas-spejjeż tagħhom skond kif tgħid il-liġi.

Il Kunsill qabel unanimament illi għandha tintbgħat ittra lil dawn il-ħwienet biex issir laqgħa magħhom flimkien mall-Kunsill biex wieħed jiddiskuti arranġamenti li jistgħu jagħmlu biex jinġabrilhom l-iskart għas-spejjeż tagħhom u kif jixtiequ huma bħala ħinijiet.

13.3 **Komunikazzjoni mis-Sindku fuq punti imqajjmin mis-Seduta preċedenti (13)**

Is-Sinjura Speranza Chircop infurmat il-Kunsill infurmat il-Kunsill dwar

13.3.1 avveniment li ser ikun qed jiġi organizzat mill-Uffiċċju tal-President ta' Malta b'risq l-istrina aktar tard f'Diċembru 2017 fejn l-istess uffiċċju qed jitlob kollaborazzjoni mall-Kunsilli lokali billi jingħataw nofsija bil-ħin għal xi attivita' li l-Kunsill ikun irid jagħmel waqt din l-attivita'.

Is-Sindku issuġeriet li l-Kunsill għandu jistaqsi lil xi artisti / kantanti / Kor tal-Parroċċa iridux b'mod volontarju jidħlu għaliha f'isem il-Kunsill, biex b'hekk il-lokal tal-Kalkara ikun parti minn din il-ħidma b'għan nobbli lejn minhu aktar fil-bżonn.

13.3.2 Is-Sinjura Speranza Chircop talbet il-Kunsill jikkonferma illi t-tibdil fil-website tal-istess Kunsill jiġi approvat biex b'hekk tintbgħat email formali lid-Dipartiment li qed jieħu ħsieb dawn it-tibdiliet. Is-Seg.Eżek spjegat illi hija kkonfermat mad-Dipartiment stess illi hemm xi affarijiet neqsin jew li mhux qegħdin kif suppost li għandhom jiġu rranġati fil-futur qarib sakemm din il-website tiġi finalizzata.

Il-Kunsill approva li tinfetaħ il-website il-ġdida kif qed jiġi mitlub mid-Dipartiment stess.

13.3.3 Is-Sinjura Speranza Chircop infurmat il-Kunsill bil-possibilta' li jiġi nsatallat wifi fil-Berġa / Librerija tal-Kunsill stess wara li intbgħatet email mid-Dipartiment stess b'offerta / ftehim li ntlaħaq mal-kumpanijja MCA bi prezz speċjali għal-Kunsilli Lokali.

Il-Kunsill talab li tinġieb aktar informazzjoni fuq dan ir-rigward speċjalment fuq il-kuntratt wara li s-Seg.Eżek spjegat illi l-Kunsill ma jistax jidħol f'aktar spejjeż ħabba raġunijiet finanzjarji. Hi ssuġeriet illi minflok jinxtraw il-kotba bil-flus ta' l-iskema li japplika għalija l-Kunsill kull sena jinġieb il-wifi minflok jekk dejjem hu possibli bl-approvazzjoni tad-Dipertiment tal-Kunsilli.

13.3.4 Is-Sinjura Speranza Chircop infurmat il-Kunsill dwar ilment / rikjesta / suġġeriment mingħand resident li joqgħod fl-inħawi ta' Triq Santu Rokku fejn dan ta' l-aħħar bena binja ġdida u qiegħed jirrikjedi li ssir bankina quddiem il-binja tiegħu minħabba l-periklu li qegħdin jgħixu fih peress li t-Triq hija waħda dejqa u ta' żewġ karreġati.

Dan l-istess resident bgħat xi ritratti bi prova tal-punt imsemmi hawn fuq fejn qiegħed jissuġerixxi illi din it-Triq issir b'karreġata waħda dħul biss għaliex fil-verita meta biex jiġu biex jgħaddu 2 karozzi / xarabanks / vannijiet qed isibuha diffiċli w anke ġieli kien hemm diżgwit u ġlied.

Il-Kunsill talab lis-Seg.Eżek tirrikjedi kopja tal-permessi tal-binja ta' dan ir-resident biex wieħed jara l-kundizzjonijiet tal-MEPA fir-rigward il-bankina quddiem il-binja tiegħu kif ukoll jintbgħat is-suġġeriment tad-diverzjoni tat-traffiku lil TM biex b'hekk tiġi diskussa minn professjonisti.

13.3.5 Is-Sinjura Speranza Chircop infurmat il-Kunsill dwar rikjesta minn naħa ta' Għaqda bl-isem 'Lets do it' biex għas-sena d-diehla il-Kunsill Lokali Kalkara jerġa jieħu sehem fi 'Clean up' li ssir minn din l-istess għaqda b'mod volontarju.

Kemm is-Sindku kif ukoll is-Sinjura Maria Sultana urew id-diżappunt tagħhom fil-'Clean up' li saret din is-sena minħabba illi ma żammewx il-ħinijiet stipulati kif kien ġie deċiż u huma t-tnejn tħallew jistennew għal-siegħa sħiħa fix-xemx fil-Bajja ta' Rnella.

Il-Kunsill qabel illi għas-sena d-dieħla l-Kunsill għandu jerġa jkun parti minn din il-'Clean up' pero' b'aktar ftehim professjonali.

13.3.6 Is-Sinjura Speranza Chircop talbet l-approvazzjoni / oġġezzjoni tal-Kunsill biex jerġa jibda jingħata kors b'xejn għar-residenti Kalkariżi tal-kompjuter iktar tard fix-xitwa.

Il-Kunsill qabel unanimament li dan il-kors għandu bħal snin oħra jingħata il-Kalkara għal benefiċċju tar-residenti.

13.3.7 Is-Sinjura Speranza Chircop infurmat lill-Kunsill dwar żewġ inizjattivi ġejjijn mill-kumpaniji 'GreenMt' kif ukoll 'GreenPack' biex jinġabru tappijiet kif ukoll kartun tal-ħalib fil-lokal bl-isem 'In aid of Istrina'.

Is-Sinjura Maria Sultana ikkonfermat illi dawn l-inizjattivi diġa kienu qegħdin jagħmlu parti minnhom l-iskola Primarja tal-Kalkara u għalhekk għandu joħroġ avviż fuq il-paġna ta' 'Facebook' uffiċjali tal-Kunsill biex min irid iġemma kemm tappijiet kif ukoll kartun tal-ħalib jista jeħodom l-iskola stess biex imbagħad jinġabru mill-kumpaniji rispettivi.

Il-Kunsill qabel unanimament mas-suġġeriment imsemmi mis-Sinjura Maria Sultana.

13.3.8 Is-Sinjura Speranza Chircop infurmat il-Kunsill dwar ilment li ġie minn naħa ta' tabib li assista resident li joqgħod fi Sqaq Marina 2 fejn kien qiegħed jispjega illi t-taraġ huwa wieħed perikoluż minħabba l-kundizzjoni li jinsab fiha dan l-istess taraġ.

Il-Kunsill qabel unanimament illi dan it-taraġ ma tantx jistgħu isirlu xogħolijiet fiħ minħabba li huwa taż-żonqor, infatti fil-passat kien twaħħal puġġaman għal benefiċju tan-nies li jużaw dan l-istess taraġ bħala għajnuna għaliex iktar minn hekk wieħed ma jistax jagħmel.

Ser ikun qed jintbgħatu l-ħaddiema tal-Kunsill biex jaraw hemmx xi affarijiet zgħar li jistgħu isiru bla ma jintmess iż-żonqor.

13.3.9 Is-Sinjura Speranza Chircop infurmat il-Kunsill b'talba li ġejja mingħand resident li joqgħod fi Triq il-Kajjik fejn dan qiegħed jitlob li jsir kanal tal-ilma minħabba l-ammont ta' ilma li jinzel minn Triq il-Ġenista kif ukoll minn Triq iż-Żebbuġ dirett għal-binja tagħhom.

Il Kunsill qabel unanimament illi għandha tinġieb kwotazzjoni mill-Perit biex isir dan l-isprall imbagħad terġa tiġi diskussa f'Seduta formali fil-futur qarib minħabba illi l-problema ta' ilma mhux qegħda biss fit-Triq imsemmija w il-Kunsill mhux f'pożizzjoni li jagħmel ċertu xogħolijiet li jiġġeneraw ħafna finanzi.

13.3.10 Is-Sinjura Speranza Chircop infurmat il-Kunsill dwar laqgħa li kellha ma xi nies li jaħdmu fl-amministrazzjoni tad-Direttorat tac cinizi f'Malta biex b'hekk il-Kunsill ikun jista jaħdem id f'id maghhom u jinbdew korses jew jinataw xi shows min naha ta dan id direttorat stess fil lokal tal Kalkara bhal ma gieli ghamlu flokalitajiet ohra.

13.3.11 Is-Sinjura Chircop infurmat il-Kunsill dwar talba ta' 'Bus Shelter' in-naħa ta' Triq Santa Liberata / Triq il-Ġenista / Triq il-Progress minħabba illi meta jkunu qed jistennew il-karozza tal-linja u tkun ix-xita m'għandhomx fejn jistkennu.

Din it-talba ser tkun qed tintbgħat lill TM għal attenzjoni tagħhom

13.3.12 Is-Sinjura Speranza Chircop infurmat il-Kunsill illi ltaqet mas-Sur Charles Flores wara li l-Kunsill stess issuġerixxa li ssir din il-laqgħa biex jiġu kjarifikati l-ammont ta' flus li l-Kunsill irid joħroġ fir-rigward ta' ktieb li ser jiġi miktub minn dan l-istess awtur fuq il-Kalkara stess.

Il-Kunsill qabel unanimament illi ser ikunu qed jinxtraw dawn il-kotba b'ammont massimu ta' €400 biex anka bil-possibilta' li jingħataw waqt xi okkażjoni.

13.3.13 Is-Sinjura Speranza Chircop infurmat il-Kunsill id-data tas-serata

tal-anzjani li ser tiġi mtella' minnha f'isem il-Kunsill fl-okkażjoni ta' Jum il-Kalkara u l-Festi tal-Milied. Id-data hija konfermata għat-12 ta' Diċembru 2017 fis-Sala Parrokkjali fejn kulħadd huwa mistieden.

13.3.14 Is-Sinjura Speranza Chircop talbet lill-Kunsilliera jekk jafux b'xi ħadd rikoverat l-isptar jew djar tal-anzjani jew ma joħroġ mid-dar biex b'hekk tkun tista tinkludih fil-viżiti li tagħmel hi personali f'isem il-Kunsill għaż-żminijiet ta' Jum il-Kalkara u l-Milied bħal kull sena.

13.3.15 Is-Sinjura Speranza Chircop infurmat il-Kunsill dwar email li rċeviet mingħand persuna li taħdem l-appoġġ fejn din ta' l-aħħar kienet qed tissuġerixxi illi van partikolari li jwassal residenti fi Triq is-Salvatur jiġi mgħoti l-approvazzjoni biex jitla biċċa minn din it-Triq 'Wrong Way' speċjalment minħabba li meta tkun ix-xita dan l-istess resident jixxarrab sakemm jidħol id-dar.

Il-Kunsill ma qabilx ma din ir-rikjesta għaliex il-van jista jdur id-dawra kif inhu suppost u kif jagħmel ħaddiehor biex iwassal lill dan l-istess resident quddiem il-bieb tad-dar eżatt.

## 13.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

### 13.4.1 Christopher Bruno – Viċi Sindku

**A.** Is-Sur Chris Bruno staqsa rigward ix-xogħolijiet li qed isiru fil-viċinanzi tal-iskola li jinkludu l-'istorm water culverts'. Is-Sindku spjegat illi ix-xogħol miexi ġmielu fejn issa l-istess kuntrattur ser ikun qed jibda Triq il-Kapuċċini fil-ġranet li ġejjien kif ukoll hi qalet illi l-Kunsill mhux dejjem qed ikun infurmat bil-proċess ta' dan il-proġett. L-ilmenti kollha tar-residenti qegħdin jiġu mibgħuta kull darba lill-Perit responsabbli minn dawn ix-xogħolijiet.

**B.** Is-Sur Chris Bruno talab lill-Kunsill tittieħed deċiżjoni finali kif ukoll x'konsegwenzi jista jkun hemm fuq il-blokkok tal-konkrit li tħallew fejn il-bandli mill-Festa 2017 mill-Għaqda Mużikali San Ġużepp. Huwa saħaq illi kienu ntbgħatu emails minn naħa tas-Segretarju Eżekuttiv lis-Segretarju ta' dan l-istess Każin biex jitneħħew mill aktar fiss possibli. Is-Sur Chris Bruno enfasizza kemm huma ta' periklu għan-nies speċjalment għal fatt li qegħdin viċin il-bandli.

Il-Kunsill qabel illi għandha tintbgħat email finali lill dan il-Każin biex

jitneħħew dawn l-istess blokkok illum qabel għada u jekk dan ma jsirx sa data stipulata ser ikunu qed jitneħħew mill-Kunsill stess għas-spejjeż ta' l-istess Soċjeta'.

**C.** Is-Sur Chris Bruno informa lis-Seg. Eżek illi ser ikun qed jibgħat ritratt taċ-ċint li semma fis-Seduta preċedenti fuq rikjesta tagħha fil-ġranet li ġejjijn kif ukoll tagħha l-informazzjoni dwar il-kuntrattur li kien qiegħed jaħdem seba snin ilu f'dawn l-inħawi biex b'hekk issir rapport formali lil-Pulizija kif diġa kien sar minn naħa tas-Seg.Eżek.

13.4.2 **Is-Sur Pawlu Bongailas - Kunsillier**

**A.** Is-Sur Pawlu Bongailas, informa lil-Kunsill illi ser ikun qiegħed ilaqqa is-Sotto Kumitat ta' Ġieħ / Unur il-Kalkara 2017 avolja ma kellux lista kompluta mingħand kull Kunsillier kif suppost kien miftijem. Huwa saħaq illi ma jistax ikun jistenna aktar għax iż-żmien dieħel sew għal din l-attivita' u jrid jinbeda ix-xogħol fuq il-loġistika mill-aktar fiss possibli.

**B.** Is-Sur Pawlu Bongailas staqsa l-Kunsill xkien qiegħed jiġri bil-funtana ta' Misraħ Arċisqof Gonzi peress li ilha mitfijja ghal dawn lahhar xarejn u jekk kienx hemm xi problem.

Is-Sinjura Speranza Chircop spjegat illi l-funtana kienet qed tiġi 'rranġata wara li nxtrat pompa oħra u din ma ħadmitx avolja l-ħaddiema tal-Kunsill ġew iggwidati kif għandhom iwaħħluwha minħabba li ma kien hemm ħadd tekniku jifhem kif din trid issir.

Is-Sur Pawlu Bongailas saħaq illi ridu jiġu ggwidati minn 'Engineer' u mhux biss minn xi ħadd tekniku għaliex din l-istess funtana dejjem tati l-problemi u l-ispejjeż kurrenti tagħha huma ħafna.

Is-Sur Chris Bruno qabel mal-punt tas-Sur Pawlu Bongailas fir-rigward l-ispejjeż kurrenti ta' din il-funtana u saħaq illi hemm bżonn li tittieħed deċiżjoni wieħed x'jista jagħmel biex ma jibqgħux jintefqu flus fix-xejn.

Il-Kunsill qabel unanimament illi għal-darboħra għandha tintbgħat email lill-Ministru ta' l-Infrastruttura la darba kien inbidel biex din il-funtana tiġi roundabout dekorattiv b'manutenzjoni baxxa għal Kunsill.

Il Kunsill ukoll issuġerixxa li jekk darba din il-funtana tiġi approvata bħala roundabout dekorattiv tajjeb li wieħed jaħseb x'jista jagħmel fiha bħala simbolu sinonimu mal-Kalkara.

**Is-Sur Vince Bongailas - Kunsillier**

13.4.3

**A.** Is-Sur Vince Bongailas talab lill-Kunsill jerġa jibgħat ifakkar lill-TM fuq 'Traffic Calmer' li ġiet implementata minn naħa tagħhom stess fl-inħawi ta' Triq Santu Rokku kif taqbeż il-Forti Rnella wara li r-residenti ta' dawk l-inħawi jinstabu urtati għal l-istorbju li jseħħ meta karozza tgħaddi minn fuqa meta hemmhekk kellha tiġi 'Central Strip' u mhux din it-'Traffic Calmer'. Is-Sur Vince Bongailas qal ukoll illi l-persuna li kellmitu saħansitra kellha ċertifikat mediku li juri kemm din it-'Traffic Calmer' mhux postha f'dawn l-inħawi.

**B.** Is-Sur Vince Bongailas talab li jerġa jitnaddaf il-'culvert' li hemm fi Triq Marina viċin il-Monument tal-Papa kif ukoll tintbgħat rikjesta biex jiżdied 'culvert' aktar il-fuq lejn it-telgħa ta' Esplora minħabba l-ħafna ilma li qed jinġemgħa fix-Xatt kollu meta tagħmel ix-xita.

**C.** Is-Sur Vince Bongailas informa l-Kunsill dwar tabella li hemm imwaħħla fi Triq il-Missjoni Taljana qabel ma ddur lejn Smart City fejn tifel qasam rasu għaliex il-ponot ta' din l-istess tabella kienu qegħdin baxxi kif ukoll talab li tintbgħat email formali biex jiġi maqtugħ il-ħaxix ħażin li tela' mhux ħażin f'dawn l-istess inħawi minħabba illi in-nies mixjin qed ikollhom jinżlu minn fuq il-bankina biex jgħaddu.

**D.** Is-Sur Vince Bongailas irraporta bozza fi Triq il-Missjoni Taljana quddiem l-unika ħanut li hemm f'dawn l-inħawi kif ukoll qal li din diġa kienet irrapurtata minn naħa ta' l-amministrazzjoni tal-Kunsill pero' għaddew seba t'ijiem u għadu ma sar xejn.

Is-Seg.Eżek qalet illi rapporti bħal dawn m'għandhomx għalfejn jitilgħu għal laqgħa tal-Kunsill kif kemm il-darba qalet lill-Kunsill stess kif ukoll qalet illi l-Enemalta ma jkunux qegħdin miegħek (i.e.mhux qegħdin jistennew lilna biss) u li tajjeb li n-nies nispjegawlhom illi mill-inqas iridu 10 t'ijiem ta' xogħol biex tissewwa il-ħsara.

Is-Sur Vince Bongailas ħa l-punt tas-Seg.Eżek bħala offiża u nqala argument waqt l-istess seduta u qalla li "jekk m'humiex qegħdin miegħu l-anqas qegħdin magħa" l-Enemalta. Is-Seg.Eżek spjegatlu li dik kienet frażi u li ma qalitix speċifikament għalih personali u qaltlu li "ridet tgħid mhumiex qegħdin

magħna". Is-Sur Vince Bongailas talab lis-Seg.Eżek tiskuża ruħa u wera l-urtament tiegħu b'għajjat waqt din l-istess seduta. Is-Seg.Eżek kompliet targumenta illi ħadd ma jista jifhem kemm trid ħin biex tiffinalizza u taħdem il-punti tal-minuti biex kull Kunsillier ikun moqdi sas-seduta ta' wara b'hekk hija tibqa tisħaq illi rapporti bħal dawn għandhom jiddaħħlu il-'Customer Care' ta' l-uffiċċju amministrattiv għaliex dan għalhekk qiegħed hemm.

Is-Sur Vince Bongailas kif lesta mill-punti li telaq mill-laqgħa.

## 13.5 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

13.5.1 Il-pagamenti kollha innutati fuq l-iskeda ta' pagamenti 12.17 ippreżentata mis-Seg.Eżek. ġew approvati unanimament mill-Kunsilliera waqt din is-Seduta.

## 13.6 Mozzjonijiet

Ma kienx hemm

## 13.7 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

13.7.1 Il-laqgħa ġiet aġġornata unanimament mill-Kunsilliera għal nhar it-Tlieta 24 ta' Ottubru 2017 fl-4:00 p.m.

Konfermati, illum It-Tlieta 26 ta' Settembru, 2017

**IFFIRMATA** **IFFIRMATA**

Speranza Chircop
Sindku

Elaine Caruana
Segretarju Eżekuttiv